# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 16**

**Rikors numru 60/20 TA**

**Vincent Gauci**

**v.**

**Dr. Albert Fenech**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' rikors preżentat fl-20 ta' Jannar, 2020 ir-rikorrent Fenech talab lill-Prim'Awla sabiex *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap.12 tħassar il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1732/2019 fl-ismijiet **Vincent Gauci v Dr Albert Fenech**, peress li l-intimat m'għandux titolu

eżekuttiv fuq l-imgħax. B'digriet tas-7 ta' Frar, 2020 il-Prim'Awla ċaħdet it-talba.

2. Il-fatti prinċipali huma:

i. Fis-sena 2002 l-intimat Gauci ppreżenta kawża fil-Prim'Awla **Vincent Gauci v. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern** (Ċitaż. Numru: 774/2002), fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-operazzjoni li saritlu f'Awissu 1999 ma saritx skont is-sengħa u l-art u li minħabba f'hekk sofra debilita permanenti. Għalhekk talab ukoll lill-qorti sabiex tillikwida d-danni li sofra u tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsuh id-danni. Żied ukoll, ***"Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni"***.

ii. B'sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2019 fil-kawża **Vincent Gauci v. Dr Albert Fenech** (Ċitaż. Numru: 774/2002) din il-Qorti ċaħdet l-appell tal-konvenuti u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li kkundannathom iħallsu lill-attur Gauci s-somma ta' €41,732.25. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti l-imgħax ma jissemmiex.

iii. B'rikors preżentat fil-5 ta' Lulju, 2019 l-intimat talab lill-Qorti tal-Appell sabiex fil-parti dispożittiva tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2019 *".... tipprovdi li l-imgħax għandu jiddekorri fuq l-ammont illikwidat hekk kif hawn fuq ingħad u ċioe` mit-23 t'Ottubru, 2013 sad-data tal-effettiv pagament lill-Esponenti"*.

iv. B'digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2019 din il-Qorti ċaħdet it-talba wara li qalet li fis-sentenza appellata ma ngħata ebda provvediment dwar imgħax u ma sarx appell dwar dak; *"tqis illi billi l-kwistjoni ta' mgħaxijiet ma kinitx meritu tal-appell, ma jista' jingħata ebda provvediment dwar it-talba fir-rikors f'dan l-istadju"*.

v. Fis-16 ta' Diċembru, 2019 l-intimat Gauci talab u ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv għas-somma ta' €20,309.69, *"imgħax dovut fuq l-ammont ta' Eur41,732.35 li ġie llikwidat permezz ta' sentenza fl-ismijiet Vincent Gauci et v Tabib Ewlieni tal-Gvern u Dr Albert Fenech deċiża nhar it-23 t'Ottubru, 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata 28 ta' Ġunju 2019, liema imgħax ġie kkalkolat mid-data tal-ewwel sentenza sat-23 ta' Novembru, 2019"*.

vi. Fl-20 ta' Jannar, 2020 Dr Fenech ippreżenta r-rikors ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12.

vii. B'digriet mogħti fis-7 ta' Frar, 2020 il-Prim'Awla ċaħdet ir-rikors wara li rraġunat li l-Artikolu 281A tal-Kap. 12 ma japplikax għall-każ in eżami.

3. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti kien:

*"Minn dan kollu jirrisulta li ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis- saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat, b'dana illi l-istess Qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Artikolu 274 tal-Kap.12. (ara Sentenza tal-Prim'Awla tal- Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet Pace vs Sultana).*

*"Il-Qorti għalhekk eżaminat l-atti ta' dan ir-rikors biex setgħet tasal għall- konklużjoni jekk, fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali inkwistjoni, il- pretensjonijiet tar-rikorrent Professur Albert Fenech humiex ġuridikament fondati fid-dawl li qed jipprova jesperita r-rimedju taħt l-artikolu 281 tal- Liġijiet ta' Malta. Minn imkien ma jirrisulta, li dan il-mandat inħareg "minn Qorti żbaljata" jew li huwa effett minn "xi difett fil-forma". In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet huwa dwar jekk dik is-Sentenza tinkludix l-imgħaxijiet jew le. Din hija kontroversja li tolqot is-sustanza tas-Sentenza li saret referenza għaliha. Li kieku din il-Qorti kellha tidħol fil-konsistenza ta' Sentenza bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet, fir-rejalta' din il-Qorti tkun qed taġixxi lil hinn mill-mansjonijiet lilha fdata mill-artiklu inkwistjoni b'mod li kważi kważi tkun qedgħa tarroga lilha nnifisha mansjonijiet ġurisdizzjonalment riservati għall-qorti ta' revizjoni bħal ma hi dik tal-appell.*

*"Minn dan kollu jirrisulta li ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu innifsu li, bis- saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Is-setgħa tal-Qorti f'talba ta' din ix-xorta hija limitata għall-eżami pjuttost formali tal-mandat, b'dana illi l-istess Qorti hija prekluża milli tmur oltre mid-dettami tal-formalitajiet imposti mill-Artikolu 274 tal-Kap.12. (ara Sentenza tal-Prim'Awla tal- Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju 2005 fl-ismijiet Pace vs Sultana).*

*"Il-Qorti għalhekk eżaminat l-atti ta' dan ir-rikors biex setgħet tasal għall- konklużjoni jekk, fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali inkwistjoni, il-pretensjonijiet tar-rikorrent Professur Albert Fenech humiex ġuridikament fondati fid-dawl li qed jipprova jesperita r-rimedju taħt l-artikolu 281 tal- Liġijiet ta' Malta. Minn imkien ma jirrisulta, li dan il-mandat inħareg "minn Qorti żbaljata" jew li huwa effett minn "xi difett fil-forma". In-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet huwa dwar jekk dik is-Sentenza tinkludix l-imgħaxijiet jew le. Din hija kontroversja li tolqot is-sustanza tas-Sentenza li saret referenza għaliha. Li kieku din il-Qorti kellha tidħol fil-konsistenza ta' Sentenza bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet, fir-rejalta' din il-Qorti tkun qed taġixxi lil hinn mill-mansjonijiet lilha fdata mill-artiklu inkwistjoni b'mod li kważi kważi tkun qedgħa tarroga lilha nnifisha mansjonijiet*

*ġurisdizzjonalment riservati għall-qorti ta' revizjoni bħal ma hi dik tal-appell"*.

4. L-appellant appella mid-digriet tas-7 ta' Frar 2020, bl-ilment ikun li l-kwistjoni kollha kienet dwar jekk Gauci jgawdix minn titolu eżekuttiv fir-rigward tal-imgħax li l-appellat jippretendi mingħandu. Hu jsostni li peress is-sentenza ma tinkludix l-imgħax, Gauci ma jistax jippretendi li għandu titolu eżekuttiv fuq l-imgħax. L-appellant kompla li hu ma talabx lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi huwiex dovut imgħax fuq is-sorte u fl-affermattiv kemm hu l-imgħax. Talab biss lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi jekk dwar l-imgħax jeżistix titolu eżekuttiv. L-Artikolu 281 tal-Kap. 12 jeħtieġ li jkun hemm *'raġuni valida skond il-liġi'*, *"... u r-raġuni mogħtija mill-esponenti li s-sekwestrant ma għandu ebda titolu eżekuttiv fil-konfront tal-esponenti għall-imgħax minnu reklamat permezz tal-mandat hija ċertament raġuni valida skond il-liġi li kellha tiġi kkunsidrata"*. Kompla li qiegħed jimpunja l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru u mhux l-eżekuzzjoni ta' dak il-mandat. Dan apparti li fid-digriet l-ewwel Qorti qajmet eċċezzjoni ex officio u ma tatx lill-partijiet jagħmlu sottomissjonijiet dwarha.

5. Fl-24 ta' Frar, 2020 l-appellat wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

6. L-Artikolu 281 tal-Kap. 12 jipprovdi għall-proċedura speċjali kif jista' jitħassar att eżekuttiv, sew għal kollox jew f'parti minnu. Il-liġi tipprovdi li

att eżekuttiv jista' jitħassar minn qorti ***"għal raġuni valida skont il-liġi"***. Li jingħad li taħt dik id-dispożizzjoni att eżekuttiv jista' jiġi attakkat biss meta *'ikun inħareġ minn Qorti żbaljata'* jew *'jekk ikun hemm xi difett fil-forma'*,[1] hu restrittiv wisq. Il-kliem *'għal raġuni valida skont il-liġi'* huma żgur iktar wesgħin minn dawk iż-żewġ każijiet. F'dan ir-rigward hu rilevanti d-digriet li tat il-Prim'Awla fit-28 ta' Mejju, 2010 fl-ismijiet **Dr John Refalo nomine v. The Motor Insurance Pool**:-

> *"Tassew illi mandat esekuttiv jista' jitħassar taħt l-art. 281 minħabba difett fil-mandat innifsu jew fil-ħruġ tiegħu, u mhux minħabba difett fit-titolu esekuttiv li bis-saħħa tiegħu ikun inħareġ; dan ma jfissirx iżda illi d-difetti li jwasslu għat-tħassir tal-mandat jistgħu jkunu biss l-inkompetenza tal-qorti li tkun ħarġitu jew difett fil-forma.* ***Jekk mandat jinħareġ kontra min ma huwiex debitur taħt it-titolu eskuttiv, il-mandat ikun inħareġ ħażin u din tkun "raġuni valida skond il-liġi" għala l-mandat għandu jitħassar taħt l- art. 281*** *għax b'hekk ma jkunx qiegħed jiġi attakkat it-titolu nnifsu iżda biss il-ħruġ tal-mandat".*

7. Għal din il-Qorti hu ovvju li jekk kreditur m'għandux titolu eżekuttiv fir-rigward tal-kreditu li jippretendi mingħand id-debitur, dik hi raġuni valida li għandha twassal sabiex jitħassar l-att eżekuttiv. Atti eżekuttivi jistgħu jinħarġu biss fejn kreditur igawdi minn titolu eżekuttiv (ara Artikolu 252 tal-Kap. 12). Kif rajna, fil-każ in eżami r-rikorrent qiegħed jattakka l-att eżekuttiv u mhux it-titolu eżekuttiv. Kull ma kellha tagħmel l-ewwel Qorti hu li tiddetermina jekk it-titolu eżekuttiv, ċjoe s-sentenza tal-Prim'Awla 23 ta' Ottubru, 2013, tinkludix l-imgħax.

[1] L-ewwel qorti għamlet riferenza għal digriet tal-Prim'Awla fl-ismijiet **Edward Pace v. Michael Sultana** tal-5 ta' Mejju, 2005.

8. F'dan il-każ it-titolu eżekuttiv hi s-sentenza tal-ewwel Qorti fil-kawża **Vincent Gauci v. Dr Albert Fenech** (Citaż. Numru: 774/2002) tat-23 ta' Ottubru 2013, konfermata mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2019. Il-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Prim'Awla taqra:-

> *"Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fir-rigward tal-attriċi, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra u għar-raġunijiet imsemmija* ***tilqa' t-talbiet attriċi*** *u tikkundanna lill-konvenuti solidalment iħallsu lill-attur is-somma ta' wieħed u erbgħin elf, seba' mija u tnejn u tletin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€41,732.35) fuq imsemmija.*
>
> *"L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti wkoll"*.

9. Hu fatt li fil-parti dispożittiva tas-sentenza ma jissemiex l-imgħax espressament. Madankollu l-appellat argumenta li ġialadarba fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet *"tilqa' t-talbiet attriċi"*, dawk il-kliem jinkludu l-imgħax li ntalab fiċ-ċitazzjoni. Fil-fatt fl-aħħar taċ-ċitazzjoni hemm stampat, *"Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni".* B'hekk l-attur talab l-imgħax u fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet *"tilqa' t-talbiet attriċi"*.

10. Hu fatt li l-ewwel Qorti ma qalitx minn meta għandu jiddekorri l-imgħax. Pero` l-attur talab l-imgħax mit-23 ta' Ottubru, 2013, ċjoe d-data tas-sentenza tal-Prim'Awla. Id-data l-iktar tard li minnha jista' jibda jiddekorri l-imgħax, għal dak li jirrigwarda s-sentenza tal-ewwel Qorti. Dan ma kienx każ fejn il-kreditur talab l-imgħax mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, fejn wieħed seta' jargumenta li m'hemmx deċiżjoni tal-

Prim'Awla li l-imgħax jibda minn dakinhar. Dan meta tikkonsidra li l-attur ma talabx somma determinata bħala danni.

11. Hu fatt li b'digriet tas-6 ta' Novembru, 2019 din il-Qorti qalet, *"rat illi fis-sentenza appellata ma ngħata ebda provvediment dwar imgħax u ma sar ebda appell dwar dan"*. Pero` dik kienet sempliċi osservazzjoni. Il-fatti juru mod ieħor. Il-Prim'Awla laqgħet it-talbiet tal-attur, u ċ-ċitazzjoni kienet tinkludi talba għall-imgħax. Ir-raġuni li waslet lil din il-Qorti sabiex tiċħad ir-rikors tal-appellat Gauci kienet minħabba li l-imgħax ma kienx meritu tal-appell.

12. Għaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li l-appellat igawdi minn titolu eżekuttiv fir-rigward tal-imgħax b'seħħ mit-23 ta' Ottubru, 2013.

**Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell tal-appellant bl-ispejjeż tal-appell kontra l-appellant.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm